# Kunsill Lokali Ta' Kercem

**Pjazza Orvieto, Ta' Kercem KCM 1360, Gozo**
*Tel:* **21563666** *Fax:* **21563888**
*e-mail:* **kercem.lc@gov.mt** *website:* **www.kercem.gozo.com**


Minuti tal-Laqgħa Nru 385 li nżammet nhar it-Tlieta, 3 ta' April 2012 fis-7 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Mario Azzopardi | Sindku |
| | Maria Antonia Borg | Viċi Sindku |
| | David Mizzi | Kunsillier |
| | Saverio Grech | Kunsillier |
| | Raymond Azzopardi | Kunsillier |
| | Alfred Stellini | Chairperson Kumitat Amministrattiv |
| | Marianne Sagona | Segretarju Eżekuttiv |

### 1. Bida tal-laqgħa

Is-Sur Saverio Grech, li hu l-aktar kunsillier anzjan, ippreseda l-laqgħa. Wara li qal it-talba, awgura lill-kunsilliera eletti fis-sitt Kunsill. Huwa qal li għandha ssir ħidma fuq il-proġett taċ-Ċentru Ċiviku, jitkompla x-xogħol fuq Ġnien il-Familja, u li l-Kunsill jinsisti mal-Gvern Ċentrali sabiex titranġa Triq Kerċem. Huwa ta ukoll l-awguri tiegħu lis-Sindku l-ġdid u rringrazzja lill-Kunsill preċedenti tax-xogħol li wettaq.

Iċ-Chairperson ta' Santa Luċija awgura ukoll lis-Sindku u l-Kunsilliera l-ġodda f'isem il-Kumitat Amministrattiv. Huwa qal li dejjem ta l-għajnuna tiegħu u nforma lill-Kunsilliera l-ġodda illi hu bħala Chairperson m'għandux dritt għall-vot fil-laqgħat tal-Kunsill.

### 2. Aċċettazzjoni tal-Kariga

Is-Sur Mario Azzopardi aċċetta l-kariga ta' Sindku u s-Sna Maria Antonia Borg aċċettat il-kariga ta' Viċi Sindku. Dawn it-tnejn iffirmaw l-aċċettazzjoni tagħhom.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm.

Mario Azzopardi — Marianne Sagona
Sindku — Segretarju Eżekuttiv

DRAFT